MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 213/2006

**A B
vs
C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab hekk:

Illi l-esponenti zzewweg lil C D fit-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002), fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta u dan kif ser jirrizulta mill-anness dokument markat Dok A.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew stante li kien hemm

anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-konvenuta li twettaq l-obbligi essenzjali taz-zwieg.

Illi dan iz-zwieg huwa null u bla effett peress illi l-kunsens ta’ l-attur inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini ta’ l-artikolu 19 (1), (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m’ ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena 2002, huwa null u minghajr effett legali ai termini ta’ l-artikolu 19 subartikolu (1) paragrafi (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255).

2. Konsegwentement tordna li din in-nullita’ tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li tibqa’ ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-esponenti taqbel li z-zwieg taghha tat-tnax (12) ta’ Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) huwa null u bla effett fil-ligi imma mhux ghar-ragunijiet li jistghu jkunu imputabbli lilha u ghaldaqstant m’ ghandiex tbati ebda spejjez ghal din il-procedura;

2. Illi l-kunsens tar-rikorrent kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, u/jew b’ anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghar-rikorrent li jwettaw l-obbligi essenzjali taz-zwieg;

3. Ill-l-esponenti tirriserva li tipprovdi eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-12 ta' Lulju 2002 u registrat bin-numru 1111/2002 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali jinsab vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Il-konvenuta minn naha taghha, filwaqt li taqbel li z-zwieg huwa null fit-termini tal-paragrafu [d], issostni li dan huwa unikament attribwibbli ghall-attur, u ghalhekk m' ghandhiex tbati spejjez.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu u taghtihom affidament.

Mill-provi rrizulta pacifiku li l-attur, ta' nazzjonalita' Torka, izzewweg lill-konvenuta fit-12 ta' Lulju 2002 wara li kienu ilhom sitt xhur jorhorgu flimkien, u waqt li huwa kienu ghaddej kontra l-attur proceduri kriminali in konnessjoni mal-visa tieghu f' Malta. Ma jirrizulta ebda dubju li l-partijiet iddecidew li jizzewwgu sabiex tigi evitata d-deportazzjoni ta' l-attur minn Malta; u inoltre, irrizulta li dan kien l-<u>uniku</u> skop li ghalih l-attur dahal f' dan iz-zwieg. Di fatti l-konvivenza bejniethom wara z-zwieg kienet qasira hafna, u l-attur mill-bidu nett, ma riedtx li jkollu tfal minn dan iz-zwieg. In propositu l-partijiet jghidu li l-att taz-zwieg ma kienux ihalluh miftuh ghat-tfal.

Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirriavvisa l-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-partikolu precitat fil-konfront ta' l-attur li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, internament u b' att posittiv tal-volonta' tieghu eskluda l-obbligazzjonijiet essenzjali ghal

hajja mizzewwega. Mill-provi jirrizulta manifest li fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur ma kellux l-intenzjoni li jghix il-hajja matrimonjali mal-konvenuta.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici ghal-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg bejn il-partijiet hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Lulju 2002, ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur, u tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-Att taz-Zwieg skond il-ligi. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------